MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 311/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**CHRISTOPHER SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Christopher Sammut, ta’ 26 sena, iben Michael u Emanuela nee' Zammit imwieled tal-Pieta’ fis-06 ta’ Ottubru 1988 residenti fil-fond Kaiffir Lilly, Triq il-Kappuccini, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 462788M gie akkuzat talli f'Gunju 2012 u fil-jiem ta’ qabel gewwa il-Belt Valletta u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer,

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg cioe mobile phone misruq li il-valur tieghu jaccedi Euro 232.94, izda ma jaccedix l-Euro 2329.37 mehuda b'qerq, jew akwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. GM3 u nnutat li l-imputat Christopher Sammut m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-refurtiva giet ritornata lil sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Christopher Sammut taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------